Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/60*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 60 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar L-Erbgħa 27 ta' Frar, 2013 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-58 u 6-59

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 6-58

3.01 **Paragrafu 4.01** dwar lampi ġodda fi Triq il-Ġonna. Is-Sindku informa lill-Kunsill li Galea Curmi Eng. Consultants bagħtu l-istima dwar ix-xogħol meħtieġ biex jeħlu żewġ lampi ġodda f'din it-triq. L-istima ta' €5495.32 tinkludi ukoll trinka peress li f'din it-triq m'hemmx arbli tad-dawl u għalhekk id-dawl irid jgħaddi taħt l-art. Is-Sindku ippropona li qabel niddiskutu dwar l-istima, ikun aħjar li l-ewwel ikolna konferma minn naħa tal-Enemalta li dawn ikunu approvati minn naħa tagħhom. B'hekk wara li jkolna l-approvazzjoni, il-Kunsill ikun jista' ikompli bil-proċess biex jiġu installati l-lampi. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment. Il-Kunsill qabel ukoll li deċiżjoni finali dwar l-installazzjoni ta' dawn il-lampi għandha tittieħed mill-Kunsill il-ġdid.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 04/2013 – Avviż Legali 119/2002 (L.S. 441 04) – Regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali.

4.02 Memo 05/2013 – Elezzjoni Ġenerali/Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali 9 ta' Marzu 2013. L-Uffiċċju Amministrattivi tar-Reġjuni u tal-Kunsilli Lokali għandhom jinżammu magħluqa.

4.03 Glynis Pace infurmat lill-Kunsill dwar periklu li jiġġarraf il-ħajt li hemm fi Triq il-Fanal (taħt it-triq) fejn hija għandha ġnien mad-dar tagħha. Il-Kunsill kien diġa iddiskuta dan is-suġġett u anke r-rapport tal-Perit Edward Scerri fejn issuġġerixxa x'għandu jsir. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sinjura Pace kienet kelmitu wkoll dwar din il-problema. Peress li x-xogħol li jrid isir se jammonta għal ċertu ammont ta' spejjeż u jista' jkun li hemm bżonn li tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni, il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jitħalla biex jiġi diskuss u tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill il-ġdid.

**5. Offerta dwar ġbir ta' skart domestiku**

*F'dan il-ħin tal-laqgħa l-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni.*

Is-Sindku informa lill-Kunsill li KIP Għawdex Ltd wieġbu għall-ittra tagħna u qablu mal-proposta tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta għandha tiġi aċċettata. Peress li din l-offerta saret flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' San Lawrenz u L-Għarb, il-Kunsill qabel li nagħmlu kuntatt ma' dawn il-Kunsilli u naraw jekk minn naħa tagħhom humiex se jaċċettaw din l-offerta. B'hekk inkunu nistgħu nipproċedu flimkien biex jiġi iffirmat il-ftehim. F'każ li ma jaċċettawx din l-offerta, il-Kunsill tagħna se jipproċedi sabiex isir l-iffirmar tal-ftehim.

**6. Offerti dwar Tindif ta' Toroq/Tindif ta' Latrina Pubblika/Ġbir ta' Skart Goff**

Il-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerti għadda r-rapporti tiegħu dwar l-offerti għal tindif ta' toroq, dwar tindif ta' latrina pubblika u dwar ġbir ta' skart goff.

6.01 **Tindif ta' Toroq – 2012/04**

Is-Sindku qara r-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-offerta għal tindif ta' toroq fil-lokalita ta' L-Għasri. Il-Bord ta' Evalwazzjoni irrakomanda li l-offerta ta' Godfrey Borg għandha tiġi aċċettata peress li hija l-uniku offerta valida mill-erba' mitfugħa. Ir-rata hija ta' €11,926.00 fis-sena. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-Bord u għalhekk din l-offerta se tingħata lill-kuntrattur Godfrey Borg. Il-Kunsill qabel li nipproċedu sabiex jiġi iffirmat il-ftehim.

6.02 **Tindif ta' Latrina Pubblika – 2012/03**

Is-Sindku qara r-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-offerta għal tindif ta' latrina pubblika fi Pjazza s-Salvatur, L-Għasri. Il-Bord ta' Evalwazzjoni irrakomanda li l-offerta ta' Maria Attard għandha tiġi aċċettata peress li hija l-uniku offerta valida mit-tlieta mitfugħa. Ir-rata hija ta' €2,699.00 fis-sena. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-Bord u għalhekk din l-offerta se tingħata lill-kuntrattur Maria Attard. Il-Kunsill qabel li nipproċedu sabiex jiġi iffirmat il-ftehim.

6.03 **Ġbir ta' Skart Goff – 2012/02**

Dwar l-offerta għal-ġbir ta' skart goff, il-Bord informa lill-Kunsill li qed jitlob dokumenti addizzjonali lil wieħed mill-kuntratturi u għalhekk għad irid jerġa' jiltaqa'

il-bord biex ikun jista' jikkonkludi u jibgħat ir-rapport tiegħu. Għalhekk deċiżjoni dwar din l-offerta tittieħed aktar 'l quddiem.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-60 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

11.01 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li Domenic Camilleri kien ilmenta li parti minn Triq Gallina kienet fi stat ħażin u kawża ta' hekk it-trakkijiet mhux ikunu jistgħu jitilgħu mill-egħlieqi għat-triq. Huwa talab biex jingħata l-konkos u b'hekk il-livell tat-triq jogħla ftit. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandna l-applikazzjoni taħt il-Miżura 125 li għadha pendenti. F'din l-applikazzjoni l-Kunsill talab fondi biex din it-triq tingħata kisja bil-konkos u b'hekk tissolva l-problema imsemmija wkoll. Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għalissa għandna nagħmlu xi konkos minn naħa tagħna. Is-Sindku informa lill-Kunsill ukoll li għalissa t-triq ġiet livellata permezz ta' żrar u ramel u b'hekk ir-raħħala jkunu jistgħu jgħaddu bil-vetturi tagħhom.

11.02 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li wasallu ilment minn għand Francis Aquilina dwar il-bankina tiegħu fi Triq Dun Karm Caruana peress li ma kienitx tlestit. Fil-fatt jonqos li jsir xi ftit tikħil. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu, 2013 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv